KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**22/17**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza mis-Sindku skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li saret il-lum 11 ta' Frar, 2011.**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi - Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sinjura Mariella Micallef – Kunsilliera

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Sur Stephen Sultana – Kunsillier

**Ma attendix bi protesta:** Sur Edwin Formosa ma attendiex peresss li huwa qal li ma giex servut b'kopja tal-agenda kif kien isir lilu qabel fuq bazi personali u dan peress li huwa ma ghandux il-fakulta li jircievi d-dar bil-posta eletronika kif jircievu membri ohra tal-Kunsill.

**Agenda: Talba ghal Devoluzjoni ta' proprjeta' sabiex isservi bhala post amministrattiv tal-Kunsill Lokali Santa Venera.**

Is-Sindku fetah din il-laqgha billi spjega li huwa mehtieg li l-Kunsill jaghmel dak kollu possibli sabiex jikseb bini iehor li jkun accessibli minn kulhadd sabiex dawk kollha li jkunu jixtiequ jattendu ghand il-Kunsill jistghu jaghmlu dan bla tfixkil.

Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill fittex u issugerixxa diversi postijiet gewwa Santa Venera li setghu iservu l-Kunsill u lic-cittadin li jkun jehtieg is-servizzi tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-aktar post li huwa tajjeb u disponibli huwa l-lok li jmiss ma Casa Leoni li fil-prezent jinsab okkupat mill-agenzija zaghzagh.

Saret diskusjoni dwar il-process sabiex issir d-devoluzjoni ta din il-proprjeta u dwar kif dan il-lok jista jaqdi l-htigijiet tal-Kunsill minghajr hafna spejjez (ghalkemm hemm htiega ta spejjez sabiex dan il-post jigi addattat ghal-bzonnijiet partikolari tal-Kunsill).

Is-Sindku ghamel proposta li giet sekondata mill-Vici Sindku sabiex il-Kunsill Lokali Santa Venera jibda l-proceduri mehtiega u jaghmel dak kollu possibli sabiex jakwista l-post li jmiss ma Casa Leoni fejn fil-prezent hemm l-agenzija zaghzagh u dan il-lok jigi konvertit kif mehtieg sabiex jaqdi l-htigijiet amministarttivi tal-Kunsill u li l-Kunsill jassigura li dan il-bini jkun kompletament accessibli ghall kull min ikun irid jigi ghand il-Kunsill.

Din il-proposta ghaddiet ghal-vot.

Din il-proposta ghaddiet b'mod unanimu u b'hekk il-Kunsill talab lis-Sindku u lill-Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex jimxi u jiehu passi skond il-policy document dwar Devoluzjoni Lokali sabiex din il-proprjeta kif imsemmija f'dawn il-minuti tigi devoluta ghand il-Kunsill ta Santa Venera u tigi ukoll konvertita ghall-htigijiet tal-Kunsill u tal-publiku b'mod l-aktar facli u efficjenti.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

Data__________________